# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 15 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 22**

**Avviz numru 1603/99/SM**

**GasanMamo Insurance Agency Limited bhala rappresentatrici tas-socjeta' assikurattrici estera CGU Insurance p.l.c. kif surrogata bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-akkisurat taghha Paul Azzopardi.**

**vs**

**John Sofia**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat t-8 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux jigi:**

1. **Iddikjarat unikament responsabbli ghad-danni kollha sofferti mis-socjeta' attrici assikuratrici bhala konsegwenza tal-incident tat-traffiku li**

**gara fit-28 ta' Marzu, 1999 fil-Marsa waqt li l-konvenut kien qed isuq il-vettura Nru. BBA 985, b'mod negligenti, imprudenti u kontra r-Regolamenti tat-Traffiku, bir-rizultat li huwa habat mal-vettura numru CAF 462 proprjeta' ta' assikurat tal-attur, u ikkaguna hsarat konsiderevoli f'din il-vettura;**

2. **Illikwidati d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' hames mija u wiehed u hamsin Lira Maltin u disa centezmi, (LM551.09,0) jew somma verjuri, okkorendo bl-opra ta' periti nominandi;**

3. **Ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici dik is-somma li tigi hekk likwidata flimkien mal-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dan l-Avviz;**

4. **Bl-ispejjes komprisi dawk ta' ittra ufficjali tat-22 t'April, 1999 u tal-konsult (LM12.00,0) u ta' ittra ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, kollox kontra l-istess konvenut li jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta'l-eccezzjonijiet datata t-3 ta' Dicembru ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigi michuda kontra s-socjeta' attrici stante illi ghall-incident meritu tal-kawza kien unikament responsabbli l-istess assikurat tas-socjeta' attrici Paul Azzopardi minhabba traskuragni u naqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku;**

2. **Illi ghalhekk m'hemm l-ebda ammont x'jigi likwidat favur is-socjeta' attrici kif m'hemm l-ebda lok ghal kundanna ghall-hlas lis-socejta' attrici mill-ecipjent;**

3. **Salv kull eccezzjoni ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fit-28 ta' Marzu ta' l-1999 ghall-habta ta' l-10.45 a.m. fi Cross Roads, il-Marsa, bjen il-vettura tal-marka Ford Escort bin-numru ta' registrazzjoni CAF-462 misjuqa minn Gordon Azzopardi u l-vettura tal-marka Honda Civic bin-numru ta' registrazzjoni BBA-985 misjuqa minn Joseph Sofia;**

2. **Illi l-incident de quo sehh hdejn il-fabbrika tas-sulfarini fi Cross Road, Marsa meta Azzopardi kien qed isuq il-vettura tieghu fit-tieni karreggjata ta' l-istess triq, (ara fol 11 u 14);**

3. **Illi jidher li l-konvenut kien qed isuq ukoll fit-tieni karreggjata meta sehh l-incident in dizamina, (ara fol 49);**

4. **Illi r-rapport tal-pulizija mhux ta' min joqghod fuqu stante li inezattezzi hemm riskontrati principalment:**

    a. **isem il-konducent tal-vettura tal-marka Ford Escort, ( ara fol 26);**

    b. **in-numru ta' registrazzjoni ta' l-istess vettura, (ara fol 26);**

5. **Illi skond il-provi dokumentati mressqa mis-socjeta' attrici jirrizulta li l-ammont ta' danni sofferti minnha effettivament jammontaw ghal tmin mija u seba' u ghoxrin Lira Maltin u disgha' centezmi, (LM827.09,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi effettivament jirrizulta assodat li z-zewg vetturi kien qed jigu misjuqa fl-istess direzzjoni;**

**Illi huwa ovvju li kieku z-zewg konducenti zammew il-"il-proper look-out" dan l-incident kien facilment jigi evitat;**

**Ghaldaqstant din il-qorti tqis li z-zewg konducenti kienu ugwalment responsabbli ghall-incident in dizamina u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara lil Gordon Azzopardi u lil John Sofia ugwalment responsabbli ghall-incident de quo;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmin mija u seba' u ghoxrin Lira Maltin u disgha centezmi, (LM827.09,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut John Sofia biex ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' erba' mija u tlettax-il Lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM413.55,0), bl-ispejjez ikunu ugwalment divizi bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**